MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 418/2005

**Rene` Borg (ID 353668M)**

**vs**

**Brian Darmanin (ID 721652M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta Frar 2005 l-attur talab li l-konvenut ghandhu jigi kkundannat ihallas s-somma ta tliet mitt lira (Lm300) rapprezentanti valur ta danni kagunati f'incident stradali li sehh nhar is-7 ta Dicembru 2004 fi Triq ix-Xatt, Pieta`, bejn il-vettura numru DAR 434 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru DAA 607 misjuqa minn u proprjeta tal-attur ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 28 ta Dicembru 2004 u tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax legali pagabbli mit-28 ta Dicembru 2004 kontra l-konvenuti minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-1 ta Marzu 2005 fejn ikkontesta t-talba attrici peress illi kien l-istess attur responsabbli ghall-incident in kwisjtoni u kwindi ma hemmx danni x'jigu likwidati l-valur ta liema se mai ghandu jigi ppruvat.

Ra l-provi prodotti u d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet

Ikkunsidra.

Illi l-kaz in ezami jitratta fuq kollizzjoni bejn zewg vetturi li sehhet fil-liwja tat-trieq li taghti mill-Msida ghal Pieta 'l hinn mis-St Helena Hotel wara li l-attur kien gia habat wahdu meta tilef il-kontroll tal-vettura tieghu fl-istess liwja.

Illi l-kwistjoni kollha bejn il-kontendenti hi jekk il-konvenut tilifx il-kontroll tal-vettura tieghu u habat ma dik tal-attur minnhabba negligenza fis-sewqan ossia jekk dahalx go fih minnhabba fatturi mputabbli lill-istess attur fosthom li holoqlu ostakolu istantaneju u cioe jekk il-konvenut dahalx fil-vettura ta l-attur xi tletin sekonda wara li l-attur kien gia habat wahdu (kif allegat mill-attur) jew dahalx go fih split seconds wara li l-attur tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u habat wahdu (kif allegat mill-konvenut).

Illi jinghad li dwar il-valur tad-danni per se, dawn ma humiex qed jigu kontestati;

Illi t-Tribunal wara li sema liz-zewg sewwieqa jixhdu bil-gurament quddiemu , ra r-ritratti u l-iskizz u rapport tal-warden, jasal biex jakkolji aktar il-verzjoni moghtija mill-konvenut minn dik esposta mill-attur u dana ghas-segwenti ragunijiet:-

a) L-attur ighid li kien ghaddej b'velocita ta xi 60 Km cioe velocita mhux daqshekk diligenti u kawta meta tqis il-kondizzjoni tat-trieq li kienet imxarrba bl-irxiex tax-xita – tant hu hekk li fil-liwja l-attur tilef il-kontroll tal-vettura

tieghu bit-traskuragni u mperizja tieghu stess u habat fil-crash barriers tal-gemb;

b) Illi skond l-istess attur il-konvenut kien certament ma gembu fejn il-lights tal-Msida u ghalkemm meta qala minn fuq dawn il-lights u ghadda quddiem il-konvenut difficli temmen li ghaddew xi 30 sekonda jew ohra mill-ewwel impatt tal-attur wahdu ghat-tieni mpatt meta lkonvenut dahal go fih anke meta tqis id-distanza ravvicinata bejn il-lights tal-Msida u fil-liwja fejn saret il-habta.

c) Difficli anke biex temmen l-attur fil-kundizzjoni stroduta li kien, jghorok wiccu u fil-posizzjoni kif spiccat il-vettura li qatt jinnota li lahqu ghaddew minn watajh zewg vetturi ohra wara li habat hu u qabel ma dahal go fih il-konvenut u kif ukoll li b’kumbinazzjoni hares fil-mera u ra d-dwal tal-vettura konvenut gejja ghal fuqu qabel ma dahlet go fih.

d) L-attur gie rappurtat ighid li kien ghaddew 30 sekonda bejn l-ewwel u t-tieni mpatt filwaqt li fix-xhieda tieghu jghid li ghaddew madwar 15 il-sekonda – in kontro-ezami jistqarr li ma setax ighid bl-ezatt il-hin peress illi mat-tieni mpatt huwa storda.

e) It-Tribunal isib lill-konvenut kredibbli meta jsostni li hu u l-attur kienu ma gemb xulxin meta waqfu fuq il-lights tas-St Helena Hotel u dana ma gemb xulxin, hu fuq gewwa u l-attur fuq in-naha ta barra.

f) Huwa kredibbli wkoll il-konvenut meta jallega li fl-ewwel liwja huwa naqqas il-velocita tieghu u lemah lill-attur jppunta biex jaqbzu minn fejn kien gej u cioe fuq il-karreggjata ta barra – u li l-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura tieghu proprja f’din il-liwja waqt li kien qed jaghmel tali manuvra u cioe ghalhekk precizament minn quddiem ghajnejn il-konvenut biex spicca biex qasam minn quddiemu u baqa diehel fil-gemb tat-trieq.

g) Illi ghalhekk huwa kredibbli l-konvenut meta jghid li huwa safa kostrett jghafas il-brake f’salt meta l-attur

holoqlu periklu istantaneu meta qasam minn quddiemu u kwindi spicca biex skiddja ghal fuq il-vettura tal-istess attur li kienet lahqet habtet wahedha fil-gemb tat-triq split seconds qabel.

Illi oltre ghal konsiderazzjonijiet hawn maghmula, certament l-attur naqas li jissoddisfa lit-Tribunal sal-grad rikjest mill-ligi ai termini tal-obbligu tieghu illi l-konvenut kien b'xi mod responsabbli ghat-tieni mpatt stante li deher car li kien l-istess attur li l-ewwel tilef il-kontroll tal-vettura tieghu minnhabba nuqqas ta galbu da aprti tieghu stess bil-konsegwenza li holoq periklu ghal terzi.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jiddikjara li kien l-attur stess unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, jilqa ghalhekk l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u konsegwentement jichad it-talbiet attur bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------